

Brussell, 13 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15963/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0371(COD)**

**ECOFIN 1324
RELEX 1725
NIS 39
FIN 1352
COEST 917
CODEC 2000**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 738 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tar-Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 738 final.

Mehmuż: COM(2022) 738 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.12.2022
COM(2022) 738 final

2022/0371 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

**il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tar-Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew
u tal-Kunsill li jstabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023
(assistenza makrofinanzjarja +)**

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tar-Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +)

1. KUNTEST

Id-data ta' meta l-proposta ntbagħtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill 9.11.2022.
(dokument COM(2022) 597 final – 2022/0371 COD):

Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari: 24.11.2022.

Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill: 10.12.2022.

2. L-OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-proposta tal-Kummissjoni kellha l-għan li ttipprevedi approċċ strutturali u effiċjenti għall-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni lill-Ukrajna fl-2023.

Sabiex tiżgura bażi finanzjarja soda, il-Kummissjoni pproponiet li s-self lill-Ukrajna għandu jkun appoġġat minn garanzija mill-hekk imsejjaħ "marġni ta' manuvra", jiġifieri l-ispazju baġitarju 'l fuq mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) sal-limiti msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053, dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea. Dan kien akkumpanjat mill-proposta parallela dwar emenda għar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093¹ (emenda għar-Regolament QFP) biex tippermetti li l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn assistenza finanzjarja li saret disponibbli għall-Ukrajna fl-2023, bi żborżi possibbli sal-31 ta' Marzu 2024, jiġu ttrattati bl-istess mod bħal assistenza finanzjarja għall-Istati Membri, jiġifieri biex tkun tista' tiġi mobilizzata l-garanzija għal assistenza finanzjarja lill-Ukrajna lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-proposta parallela għal emenda għar-Regolament QFP li tippermetti l-garanzija tas-self lill-Ukrajna permezz tal-użu tal-marġni ta' manuvra għadha ma ġietx adottata. Il-Kunsill għalhekk jipproponi kopertura baġitarja alternattiva tas-self permezz ta' garanziji volontarji mill-Istati Membri. Fl-istess ħin, il-kopertura baġitarja permezz tal-marġni ta' manuvra ssir

¹ Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027, COM/2022/595 final

possibbli mid-data tal-applikazzjoni tal-emenda għar-Regolament QFP, jew is-suċċessur tiegħu, ladarba tiġi adottata.

Il-Kummissjoni tappoġġa l-introduzzjoni ta' dawn ir-regoli bħala bażi baġitarja vijabbli li tippermetti żborż gradwali sa EUR 18 000 000 000 f'self tal-AMF + lill-Ukrajna b'rabta mad-dħul fis-seħħ tal-ftehimiet ta' garanzija bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.